# IL-VANĠELU F'KULL DAR

F'dan il-Ħadd li qegħdin fih, qed niċċelebraw ĦADD 23 ta' Frar. L-Isqof ma xtaqx li l-piż għat-tqassim ta' IL-KELMA fil-parroċċi tagħna f'Għawdex. Sa qabel ir-Randan f'Għawdex se jitqassam il-Vanġelu ta' San Mattew f'kull dar.

L-Isqof Anton ħaseb biex stampa dal-ktejjeb għal kull familja għaliex fost l-oħrajn fil-mixja pastorali li qegħdin nagħmlu dis-sena qed niffokaw fuq l-importanza tal-Bibbja f'ħajjitna.

Xi jiem ilu, l-Isqof ta kopja tal-Bibbja sħiħa lill-għarajjes kollha li bħalissa qegħdin jagħmlu l-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ.

Il-Vanġeli ta' San Mattew tal-parroċċa tagħna waslu u se jibdew jitqassmu minn nhar it-Tnejn




dal-Vanġelu jaqa' biss fuq dawk li jqassmu l-bullettin. Għalhekk, ħadna ħsieb biex sibna parruċċani differenti sabiex jagħmlu dan. Se jkollna grupp ta' 25 persuna li se jqassmu kopji tal-Vanġelu ta' San Mattew lil kull familja fil-parroċċa. Din hija għotja b'xejn mid-djoċesi u mill-parroċċa.

Min jisma', jaqra u jimmedita l-Bibbja jkollu xi ħaġa tajba għalih u jkollu x'jagħti lil ħaddieħor. Għalhekk inħeġġukom li tilqgħu lill-persuni li se jżurukom.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**L-AVVIŻI:**

**GĦALIKOM LI SE TQASSMU L-VANĠELU:** se jkollkom laqgħa għada t-Tnejn 23 ta' Jannar fil-5:30pm fil-kamra ta' taħt is-sagristija tal-knisja. Wieħed jidħol għaliha mill-Pjazzetta.

**ASSEMBLEA PARROKKJALI:** nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar. Din se tkun immexxija mill-Isqof Anton Teuma. Nistiednu lill-presbiterju, il-Kunsill Parrokkjali, ir-rappreżentanti tal-gruppi u l-għaqdiet li għandhom x'jaqsmu mal-liturġija u l-Kelma għal din l-assemblea. Tibda fis-7:00pm u tkun fil-knisja.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li se torganizza attività nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar. Ser immorru Lourdes Home fejn Sr Josepha ser tkellemna dwar l-esperjenza tagħha fil-missjoni. Nitilqu fid-9:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Inċemplu lil Tonina fuq 79923153 jew 21553041.

**ŻEWĠ AVVIŻI LILL-ĠENITURI**

Il-ġenituri u l-kustodji li għandhom **it-tfal għall-EWWEL TQARBINA u L-GRIŻMA**, se jkollhom laqgħa għalihom **nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar fis-7:00pm fis-Sala Parrokkjali** ta' Triq Xandriku. Il-laqgħa ser **imexxiha Fr Krystof Buttigieg**.



Se ssir laqgħa oħra tal-grupp ta' **ĠENITURI LI QED IRABBU TFAL U ADOELEXXENTI**. Din il-laqgħa ser issir **is-Sibt 28 ta' Jannar fid-dar San Pietru Pawl ta' Triq Diċembru 13. Tibda fis-7:30pm**. Se **titmexxa minn Dun Raymond Portelli**.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am